32003R0048

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 48/2003

ta' l-10 ta' Jannar 2003

iniżżel ir-regoli li japplikaw għal taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk fl-istess pakkett ta' bejgħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 545/2002 [2], u partikolarment l-Artikolu 2(2) ta' l-imsemmi,

Billi:

(1) Pakketti li jikkontjenu tipi differenti ta' frott u ħaxix qed isiru aktar komuni fuq is-suq bħala riżultat tad-domanda ta' ċertu konsumaturi.

(2) Kummerċ imparzjali jeħtieġ li frott u ħaxix frisk mibjugħa fl-istess pakkett għandhom ikunu ta' kwalità uniformi. Dan jista' jiġi żgurat għall-prodotti li għalihom l-istandards tal-Komunità ma ġewx adottati b'rikors għad-dispożizzjonijiet ġenerali.

(3) L-istandards tal-marketing jikkomprendu dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettjar ta' pakketti li jkollhom frott u ħaxix. Il-ħtiġijiet ta' ttikkettjar għandhom ikunu stipulati għal taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħaxix fl-istess pakkett, imma dawn għandhom ikunu anqas stretti minn dawk stipulati bl-istandards biex jinżamm kont, partikolarment, ta' l-ispazju disponibbli fuq it-tikketta. Madankollu, sabiex il-konsumaturi ma jitħallewx jiġu mqarrqa, l-istess dettalji għandhom jiġu stipulati għall-prodotti li mhux kopriti bl-istandards tal-marketing bħal dawk li huma kopriti.

(4) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-Ħaxix,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Pakketti ta' beigħ ta' frott u ħaxix frisk ta' piż nett ta' tliet kilogrammi jew inqas jistgħu jikkontjenu taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħaxix iżda:

(a) il-prodotti għandhom ikunu ta' kwalità uniformi u kull tip ikkonċernat għandu jħares l-istandards skond l-Artikolu 2;

(b) il-pakkett għandu jkun immarkat b'mod approprjat, skond l-Artikolu 3; u

(ċ) it-taħlita m'hix tali li tqarraq il-konsumatur.

Artikolu 2

Il-prodotti kontenuti ġo taħlitiet kif imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ta' l-istess klassi kummerċjali(Klassi I, Klassi II or Klassi "Extra" fejn hemm Klassi "Extra" għal kull prodott fit-taħlita).

Meta taħlita tikkontjeni frott u ħaxix li mhux kopriti bil-marketing standards tal-Komunità, dawk il-podotti għandhom jiġu kklassifikati fl-istess klassi, skond l-Anness.

Artikolu 3

L-immarkar fuq ċertu pakketti ta' bejgħ kif imsemmi fl-Artikolu 1 u/jew fuq kull pakkett li jikkontjeni lilhom għandu juri ta' lanqas dawn id-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem u l-indirizz jew il-kodiċi uffiċjalment maħruġ jew aċċettat ta' l-imballatur u/jew dispaċċatur.Meta kodiċi ta' l-immarkar ikun intużat ir-riferenza "imballatur u/jew dispaċċatur" (jew abbrevjazzjonijiet ekwivalenti) għandhom ikunu ndikatai qrib tal-kodiċi tal-immarkar;

(b) l-isem ta' kull prodott/tipi li jinsabu fil-pakkett;

(ċ) l-isem tal-varjeta'jew tat-tip kummerċjali ta' kull prodott li jinsab fit-taħlita li għalih il-marketing stardards tal-Komunità jitolbuh għall-prodotti li mhux imħallta;

(d) il-pajjiż ta' l-oriġini ta' kull prodott ikkonċernat, ħdejn l-isem tal-prodotti kkonċernati;

(e) klassi.

Għall- frott u ħaxix kopriti bl-istandards tal-marketing tal-Komunità, dawn id-dettalji għandhom ibiddlu il-partikolaritajiet stipulati b'dawk l-istandards.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
[2] ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli dirattament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Kondizzjonijiet ta' kwalitàli għandhom ikunu milħuqa minn kull prodott li għalih ma hemm l-ebda standard ta' marketing tal-Komunità

Linqas kondizzjonijiet ta' kwalità

Fil-klassijiet kollha, u mingħajr ma jintesew it-toleranzi permessi (ara hawn taħt), il-prodotti għandhom ikunu:

— bla mittiefsa

— ta' kondizzjoni tajba; prodotti milquta b'taħsir jew deterjorazzjoni tali li tagħmilhom mhux xierqa għall-konsumazzjoni huma eżklużi,

— nodfa, prattikament ħielsa minn kull materjal barrani li jidher,

— prattikment ħielsa minn dud u insetti qerrieda,

— prattikament ħielsa minn ħsara kawżata mid-dud u insetti qerrieda,

— ħielsa minn umdita' mhux tas-soltu fuq barra,

— ħielsa minn kull riħa u/jew togħma barranija.

Klassi "Extra" class

Il-Prodotti f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalit'a superjuri. Għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà u/jew tip kummerċjali.

Għandhom ikunu ħielsa minn kull difett, bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjail żgħar, sakemm dawn ma jolqtux l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalità tiegħu, u tinżamm l-kwallita' u l-presentazzjoni fil-pakkett.

Klassi I

Il-prodotti f'din il-klassi għandhom ikunu ta' kwalità tajba. Għandhom ikunu tipiċi tal-varjetà u/jew it-tip kummerċjali.

Difetti żgħar jistgħu jkunu permessi, madankollu, sakemm ma jolqtux l-apparenza ġenerali tal-prodott, il-kwalitàtiegħu, u tinżamm l-kwalità u l-presentazzjoni fil-pakkett.

Klassi II

Din il-klassi tinkludi prodotti li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni fi klassijiet għola imma li jilħqu l-inqas ħtiġijiet meħtieġa hawn fuq.

Huma jistgħu jippreżentaw difetti, sakemm iżommu l-karatteristiċi essenzjali dwar kwalità, u tinżamm il-kwalità u l-presentazzjoni.

Tolleranzi ta' kwalità

Toleranzi ta' kwalità għandhom ikunu permssi f'kull pakkett għall-prodotti li ma jilħqux il-ħtiġijiet tal-klassi ndikata.

— *Klassi "Extra"*

5 % bl-għadd jew bil-piz ta' prodotti li ma jilħqux il-ħtiġijiet tal-klassi, imma li jilħqu dawk tal-Klassi I jew, b'mod eċċezzjonali, jaqgħu fit-toleranzi ta' dik il-klassi.

— *Klassi I*

10 % bl-għadd jew bil-piż ta' prodotti li ma jilħqux il-ħtiġijiet tal-klassi, imma li jilħqu dawk ta' Klassi II jew, b'mod eċċezzjonali, jaqgħu fit-toleranza ta' dik il-klassi.

— *Klassi II*

10 % bl-għadd jew bil-piz ta' prodotti li ma jilħqux il-ħtiġijiet tal-klassi, u lanqas il-ħtiġijiet minimi, bl-eċċezzjoni ta' prodotti milquta b'taħsir jew deterjorazzjoni oħra li tagħmilhom mhux xierqa għall-konsumazzjoni.

Uniformita'

Il-prodotti għandhom ikunu ta' l-istess oriġini, varjetà u klassi kummerċjali u kwalità.